# *Il-Proposti tal-General Workers' Union ghar-Riforma fil-Ligi tal-Kunsilli Lokali*

***Ottubru 2008***

Il-GWU tghid li ghandu jkun hemm hidma aktar koordinata u sinergetika bejn il-Gvern Centrali u l-Kunsilli Lokali li twassal ghal titjib fil-hajja tar-residenti u tiggarantixxi zvilupp sostenibbli. Sabiex dan isehh il-GWU qeghda tressaq ghadd ta' proposti li ghandhom itejjbu u jiffacilitaw l-operat tal-Kunsilli Lokali f'pajjizna.

Fost dawn il-proposti elenkati mill-GWU insibu li l-legislatura tal-Kunsill Lokali ghandha tizdied ghal erbgha (4) jew hames (5) snin biex tkun tista' issir hidma aktar iffukata u fit-tul. Jitjieb il-koordinament bejn il-Kunsill Lokali u d-dipartimenti tal-gvern, il-ministeri, il-korporazzjonijiet u l-awtoritajtiet. Dan jista' jsir billi jitwaqqaf *unit* apposta biex jipprocessa u jahdem fuq il-proposti, it-talbiet u l-htigijiet tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli Lokali iridu jaghtu attenzjoni akbar lit-trasparenza u l-kontabilita` fl-operat taghhom. Fl-istess waqt il-GWU qed tipproponi li ghandu jkun hemm fondi specjali jew ghajnuna diretta mill-Gvern Centrali jew mill-Unjoni Ewropea ghal progetti specjali u kapitali li ma jkunx possibbli li jsiru bl-allokazzjoni finanzjarja ta' dak il-Kunsill Lokali partikolari, waqt li jkunu specifikati u ndirizzati cirkostanzi partikolari jew stagjonali biex il-lokalita' tilqa' ghall-htigijiet tac-cittadini fosthom f'lokalitajiet turistici.

Il-GWU tishaqq li l-Kunsilli Lokali ghandhom ikomplu jharsu l-ambjent taht ir-responsanilita` taghhom. Dan ghandu jghin hemm lir-residenti kif ukoll lit-turisti li jigu jzuru pajjizna. Sabiex dan ikun possibli l-Kunsilli Lokali ghandhom jghinu biex tizdied id-dixxiplina f'kull qasam bil-ghan li titjieb id-dehra tal-pajjiz.

Il-GWU tipproponi ukoll li l-gvern ghandu jidhol bi shab mal-Kunsilli Lokali biex jinfethu aktar *child care centres, day centres* u djar residenzjali ghall-anzjani fil-lokalitajiet. Il-GWU tghid li dan jista' isiru wkoll fuq bazi regjonali biex hekk jinqassmu r-responsabbilitajiet u l-ispejjez nvoluti.

Il-GWU tissugerixxi ukoll li s-sindki u l-kunsilliera idejalment ghandhom ikollhom certu livell adekwat ta' edukazzjoni biex ikunu kapaci jmexxu fl-ahjar interess tal-lokalita` li tkun fdata lilhom. Barra minhekk, il-GWU qed tipproponi li s-sindki u l-kunsilliera ghandhom jinghataw tahrig li ghandu jghinhom fil-qadi ta' dmirijithom. Il-GWU qed tipproponi ukoll incentiva finanzjarja lill-kunsilliera li tkun iffinanzjata mill-Gvern Lokali. Barra minhekk, il-GWU qed tressaq ukoll numru ta' proposti li jirrigwardjaw lill-haddiema li jahdmu mal-Kunsill Lokali bil-ghan li dejjem ikun hemm titjieb.

Id-dettalji ta' dawn il-proposti flimkien ma' proposti ohra jinsabu elenkati f'dan id-dokument imhejji mill-GWU.

# Werrej


**1. Introduzzjoni**
**1.1 Il-Kunsilli Lokali**
**1.2 Il-*General Workers' Union***
**2. Koordinazzjoni u Hidma**
**3. Il-Finanzi**
**4. L-Indafa u l-Ambjent**
**5. Il-Harsien fil-Komunita`**
**6. Is-Sigurta`**
**7. L-Unjoni Ewropea**
**8. Ic-Centri Civici**
**9. L-Edukazzjoni**
**10. Il-Polarizzazzjoni**
**11. Is-Sindki u l-Kunsilliera**
**12. L-Impjegati fil-Kunsilli Lokali**
**12.1 Is-Segretarji Ezekuttivi**
**12.1.1 Salarji**
**12.1.2 Kuntratti tax-Xoghol**
**12.1.3 *Pooling* fost is-Segretarji Ezekuttivi**
**12.2 Impjegati Klerikali**
**12.2.1 *Self Employed***
**12.2.2 Progressjoni fil-Gradi**
**12.2.3 Promozzjoni ghal Segretarju Ezekuttiv**
**12.2.4 Ftehim Specifiku ma' Kunsilli Lokali**
**12.2.5 Kuntratt tax-Xoghol**
**12.3 Awziljarji**
**12.4 Gwardjani Lokali fis-Sistema ta' Infurzar Lokali**
**12.4.1 L-Irwol ta' Gwarjan Lokali bhala Karriera**
**12.4.2 Sistema aktar Edukattiva**
**12.4.5 Il-Hinijiet tax-Xoghol u r-Relazzjoni fix-Xoghol**
**12.4.6 Protezzjoni fil-Qadi tad-Dmir**
**12.4.7 *Monitoring* tal-Gwardjan**
**13. Konkluzjoni**

# 1. Introduzzjoni

## 1.1 Il-Kunsill Lokali

Fil-prezent il-Kunsilli Lokali saru parti ntegrali mis-socjeta' Maltija u b'mod generali wiehed jista' jasal biex jghid li hallew impatt pozittiv fil-lokalitajiet taghna. Fil-fatt li kieku kellna nelenkaw ftit rizultati pozittiv li l-Kunsilli Lokali hallew nistghu insemmu :

- Titjib fl-ambjent ta' l-ibliet u l-irhula taghna.
- Iservu ta' mezz kif ic-cittadin jinvolvi aktar ruhu fit-tmexxija u fil-politika lokali.
- Iffurmaw struttura ta' tmexxija li tifhem u taddatta ruhha ghall-bzonnijiet ta' l-ibliet u l-irhula taghna.
- Jaghtu opportunita` lic-cittadin li jersaq aktar 'il quddiem biex iressaq it-talbiet, l-ideat u x-xewqat tieghu fil-lokal fejn jghix.
- Jghinu biex jikber aktar is-sens civiku.
- Zdiedu aktar l-opportunitajiet ta' inizjattivi socjali, edukattivi u kulturali.
- Gabu aktar titjib infrastrutturali fit-toroq u fil-holqien ta' zoni rikrejattivi fil-lokalitajiet.
- Qarrbu u ghenu lill-ghaqdiet lokali diversi fil-hidma rispettiva taghhom.
- Komplew jippromwovu l-karatteristici u l-patrimonju lokali.
- Ikkontribwew fil-hajja ta' sezzjonijiet tas-socjeta` bhalma huma l-anzjani, it-tfal u l-persuni b'dizabilita'.
- Sahhew il-principju tad-demokrazija.

## 1.2 Il-*General Workers' Union*

Waqt li taghraf dan kollu elenkat hawn fuq, il-*General Workers' Union* (GWU) thoss li f'dan l-istadju, wara li llum il-Kunsilli Lokali bdew jiffunzjonaw u stabilixxew ruhhom fis-socjeta' Maltija hemm bzonn li wiehed jifli sew s-sitwazzjoni prezenti bil-ghan li jkompli jtejjeb l-operat tal-Kunsilli Lokali. Il-GWU tinsisti li dan ghandu jsir kemm ghall-gid tal-belt jew rahal, in-nies li jghixu fihom kif ukoll il-pajjiz ingenerali. Ghalhekk il-GWU tilqa' b'mod pozittiv il-process ta' konsultazzjoni li qed imexxi l-Gvern biex isehh ir-riforma addattata fil-Kunsilli Lokali.

B'dan il-GWU qed tressaq dawn il-proposti imnebbhin, wara konsultazzjoni li hi stess wettqet ma' membri taghha, inkluz persuni involuti direttament fit-tmexxija u l-hidma tal-Kunsilli Lokali, flimkien ma' haddiema klerikali u segretarji ezekuttivi membri taghha.

F'dan ir-rapport il-GWU issemmi diversi punti fil-waqt li fl-istess hin taghmel numru ta' osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet.

## 2. Koordinazzjoni u Hidma

Il-GWU tghid li jehtieg li jkun hemm hidma aktar koordinata bejn il-Gvern Centrali u l-Kunsilli Lokali li ghandha twassal ghal aktar titjib fil-hajja tar-residenti u tiggarantixxi li jsir zvilupp sostenibbli.

Il-GWU qed tissuggerixxi li l-legislatura tal-Kunsill Lokali Lokali ghandha tizdied ghal erbgha (4) jew preferibbilment ghal hames (5) snin. Jidher li t-terminu prezenti ta' tlett (3) snin huwa wiehed qasir wisq sabiex jitfassal u jigi mwettaq pjan serju. Dan specjalment f'kazijiet fejn l-amministrazzjoni l-gdida issib li qabel tista' twettaq il-programm taghha tkun trid l-ewwel thares il-*commitments*, fosthom finanzjarji, li tkun halliet l-amministrazzjoni precedenti. Dan zgur li ma jghinx anzi jxekkel hafna mill-hidma u mit-twettieq tal-pjan li jkollha l-amministrazzjoni eletta sussegwentament. Ghaldaqstant, il-GWU tghid li meddha ta' iktar minn tlett (3) snin ghandhom jaghtu aktar rizultati ta' hidma fejjieda.

Il-GWU tghid li jkun tajjeb li tkun ikkonsidrata ukoll l-ideja li l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali jibdew isiru dejjem kull hames (5) snin ma' l-elezzjoni tal-Membri Parlamentari Ewropej u mhux tibqa' ssir elezzjoni tal-Kunsilli Lokali wahda kull sena. Certament li dan il-pass inaqqas ukoll l-ispejjez minn fuq il-pajjiz.

Fil-hidma taghhom il-Kunsill Lokali qed jesperjenzaw burokrazija zejda specjalment fejn ghandhom x'jaqsmu hrug ta' permessi. Hafna drabi l-Kunsill Lokali qed jispicca fin-nofs bejn il-poplu, l-awtoritajiet u d-dipartimenti tal-gvern minhabba dewmien u inefficjenza ikkaratterizzati minn sistemi burokratici. Ghalhekk, fid-dawl ta' din ic-cirkostanza l-GWU tipproponi li ghandu jkun hemm *unit* li jipprocessa biss talbiet tal-Kunsilli Lokali bhal nghidu ahna l-permessi mahruga mill-*Malta Environment and Planning Authority* (MEPA) u l-permessi mahruga mill-Korporazzjoni Enemalta fost ohrajn. Dan il-*unit* ghandu jhaffef l-ipprocessar tat-talbiet tal-Kunsill Lokali. Fil-fatt il-proposta tal-GWU hija intenzjonata biex dan il-*unit* ikun *'one stop shop'*.

Fil-fatt l-esperjenza tindika li hemm bzonn ta' aktar koordinazzjoni bejn il-Kunsill Lokali, kuntratturi privati u l-awtoritajiet bhall-Korporazzjoni ta' l-

Ilma u l-Korporazzjoni *Enemalta*. Dan ghaliex ic-cittadini zgur li iltaqaw ma' diversi kazijiet fejn toroq b'wicc gdid li hafna drabi jkunu saru b'investiment tal-Kunsilli Lokali jigu, wara ftit li jitlesstew, imhaffra biex perezempju jissewwew *mains* ta' ilma u dan ix-xoghol issir minghajr konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali. Kieku jkun hemm kordinament it-thaffir u t-tiswiet isiru qabel jitlesta l-wicc tat-triq. Barra minhekk, is-sindki flimkien mal-kunsilliera ghandhom jiddentifikaw lil dawk il-kuntratturi li ma jahdmux b'mod professjonali u responsabbli bil-konsegwenza li kif gie spjegat f'dan il-punt ikun hemm sfregu fuq perezempju toroq li jkunu ghadhom kif tlestew.

Idealment ukoll il-Korporazzjoni *Enemalta* taghmilha ehfef biex taghti l-permessi taghha ghall-twahhil ta' bozoz godda waqt li l-Awtorita` ghat-Trasport (ADT) tkun lesta li tilqa' b'mod ahjar talbiet ghal *reserved parkings, yellow lines* u tibdil fl-immaniggjar tat-traffiku. Dan dejjem biex il-hidma tkun aktar efficjenti. Is-soluzzjoni tidher li tista' tinsab jekk agenziji u entitajiet tal-Gvern jahdmu aktar id f'id mal-Kunsilli Lokali.

Ukoll lokalment jidher li hawn Kunsilli Lokali partikolari li dawn l-hin kollu jzommu lir-residenti infurmati b'dak li jkunu ghaddej b'mezzi varji ta' kommunikazzjoni. Il-GWU tipproponi li din il-*good practice* b'xi mod jew iehor tkun ipprattikata mill-Kunsilli Lokali kollha ghall-beneficju tar-residenti. Barra minhekk, idejalment il-Kunsill Lokali permezz ta' l-Assocjazzjoni taghhom ghandhom jimplimentaw *policy* komuni dwar z-zmien stipulat li fih ghandhom jghaddu *feedback* lir-residenti li jkunu ghamlu xi ilment jew suggeriment ufficjali lill-Kunsill Lokali. Dan it-tali mekkanizmu ghandu jghin biex il-hidma tkun aktar armonizzata.

## 3. Finanzi

Ghandha tinghata attenzjoni partikolari lit-trasparenza u l-kontabilita` fl-operat tal-Kunsilli Lokali biex it-tmexxija tkun wahda professjonali. Kulhadd ghandu l-interess li jfittex li l-Kunsill Lokali ikun mghejjun u mheggeg biex l-operat ikun l-izjed efficjenti u l-allokazzjoni finanzjarja tkun uzata sal-massimu possibbli biex ic-cittadini jiehdu *value for money*.Fid-dawl ta' dan, il-GWU tishaq li mhux accettabbli li l-Kunsilli Lokali jibqghu ikabbru d-*deficits* u d-djun taghhom dan ghaliex l-ewwel u qabel kollox dan ikun qed issir bi ksur tal-Ligi. Ghalhekk l-ebda Kunsill Lokali m'ghandu jidhol ghal spejjez li ma jkunx jiflah igorr u li biex ihallashom ikollu jintrabat ghal ammont ta' snin u b'hekk jispicca jorbot ukoll lill-amministrazzjonijiet ta' wara. Idejalment fuq dan il-punt il-gvern ukoll ghandu jghin u jaghti ezempju u direzzjoni.

Il-Kunsilli Lokali ghandhom ikunu responsabbli mill-fondi pubblici fdati lilhom. Dawn il-flus mhumiex taghhom izda tal-poplu kollu. Ghalhekk fit-tmexxija tal-Kunsilli Lokali ghandhom jithaddmu dawk il-prattici li jiggarantixxu l-ahjar rizultati ghac-cittadin bl-aktar tmexxija finanzjarja ghaqlija.

Fl-isfond ta' dan il-GWU qed tipproponi li:

- Jigi ikkommisjonat studju dwar il-mod kif qed ikunu ffinanzjati l-Kunsilli Lokali. Dan ghaliex bis-sistema prezenti, jigifieri, bil-kriterji kif stabbiliti biex fuqhom isiru l-allokazzjonijiet finanzjarji lill-Kunsilli Lokali illum, jidher li qed twassal ghal diskriminazzjoni ma' Kunsill Lokali li l-konfini taghhom mhumiex kbar.
- Ghandu jkun hemm fondi specjali jew ghajnuna diretta, 'l barra u 'l fuq mill-allokazzjoni tal-fondi tal-Kunsill Lokali, u nvolviment mill-gvern centrali ghal progetti specjali.
- Ghandhom ikunu identifikati cirkostanzi partikolari jew stagjonali biex il-lokalita' tkun tista' tilqa' ghall-htigijiet tac-cittadini. Dan perezempju japplika ghal postijiet turistici u ta' villeggjatura.

Jidher li l-allokazzjoni u l-*budget* prezenti ghall-Kunsilli Lokali mhuwiex bizzejjed meta mqabbel mar-responsabbiltajiet li dejjem qed jizdiedu. Jidher li l-akbar ammont ta' l-allokazzjoni finanzjarja qed tittiehed mis-servizzi u d-*day to day running* tal-lokalita' fosthom mis-servizzi ta' tindif, dwal u tiswija ta' toroq waqt li ftit qed jifdal flus f'idejn il-Kunsilli Lokali biex iwettqu progetti infrastrutturali ohra.
It-talbiet ghal zidiet mill-kuntratturi fl-ghoti tas-servizzi lill-Kunsill Lokali fosthom kawza ta' l-gholi fil-prezzijiet tal-*fuel*, qed ikomplu jziedu piz fuq it-tmexxija tal-Kunsilli Lokali.

Ghaldaqstant, il-GWU theggeg ukoll biex il-Kunsilli Lokali minbarra l-ghajnuna finanzjarja jinghataw ukoll ghajnuna vis-à-vis ir-rizorsa umana. Dan jista' jsir billi aktar haddiema imhallsa mill-Gvern Centrali jkunu jistghu iwettqu hidmiet fil-lokalitajiet. Bhala rizultat il-Kunsill Lokali jiffrankaw aktar spejjez.
Fejn tidhol rizorsa umana, l-GWU qed tipproponi ukoll lill-Gvern li dan ghandu jghaddi Ligi fejn fiha jobbliga lill-Kunsilli Lokali li meta dawn jghaddu xogholijiet lill-kuntratturi, qabel il-kuntratturi jinghata x-xoghol, jigi iffirmat kuntratt bejn il-partijiet fejn fih ikun hemm imnizzel li lill-haddiema li jhaddem il-kuntrattur, dawn minn ta' l-inqas jinghataw il-kundizzjonijiet

kollha u pagi skond il-Ligi, fil-waqt li jkunu pprovduti b'dak kollu necessarju fejn tidhol sahha u sigurta`. Il-GWU tghid li din il-Ligi ghandha taghti l-poter lill-Kunsilli Lokali li jekk kuntrattur partikolari ma' jonorax dawn il-kriterji jehel multi u jigi *black listed*.

## 4. L-Indafa u l-Ambjent

Il-Kunsilli Lokali ghandhom ikomplu jharsu l-ambjent taht ir-responsabilita` taghhom. Dan ghandu jghin biex ikollna pajjiz aktar attrajenti kemm ghar-residenti kif ukoll biex iservi ta' prodott turistiku ahjar.

F'dan l-aspett il-Kunsilli Lokali jistghu jaghtu kontribut ferm akbar ukoll billi kull belt jew rahal jiddentifika xi attrazzjoni li tista' tigbed lil sezzjonijiet differenti ta' turisti li jzuru pajjizna. U hekk dawn is-siti jitnizzel fil-mapep li jitqassmu lit-turisti fosthom fil-lukandi.

Fil-fatt kif imtenni aktar 'il fuq, tinhass il-htiega ta' ghajnuna addizzjonali finanzjarja jew xorta ohra biex Kunsilli Lokali li tahthom jaqghu r-responsabbiltajiet ta' zoni turistici bhal:

**Malta:** - Birgu, Birzebbugia, Bugibba, San Giljan, Paceville, Tas-Sliema, Valletta u Wied il-Ghajn,

**Ghawdex**:-, Dwejra, Marsalforn, Victoria, Xlendi u Zebbug.

ikunu jistghu jaghtu servizz ahjar biex perezempju l-indafa f'dawn iz-zoni specjalment tkun wahda eccellenti.

Proposta ohra li qed tressaq il-GWU hija li l-Kunsilli Lokali ghandhom jaraw li jmexxu b'*time management* ahjar li jghin fil-hajja tac-cittadini. Ghalhekk, zbir ta' sigar, tindif u gheluq ta' toroq minhabba xoghol li jkun jehtieg issir, izda li biex issir jistakola l-hajja tac-cittadin, ghandu jsir f'hinijiet differenti u partikolari tal-gurnata, fejn l-ostakolu jkun l-inqas possibli.

Il-Kunsilli Lokali, l-Gvern, *Malta Tourism Authority* (MTA) u l-korpi kostitwiti koncernati ghandhom jikkoordinaw hidmiethom aktar fil-qrib f'certi lokalitajiet. Fil-fatt f'dawn il-lokalitajiet turistici jista' jitwaqqaf forum jew kumitat bejniethom biex flimkien jiddiskutu u jsibu linja gwida generali bil-ghan li t-turizmu jkun sostnut u s-servizzi jkunu mtejba f'kull waqt, fil-waqt li l-interessi tar-residenti jkunu mharsa. It-turizmu fil-lokalitjaiet m'ghandux ikun piz izda bil-kuntrarju incentiv u opportunita` ghall-Kunsilli Lokali. Fosthom billi l-Assocjazzjonijiet tal-Lukandi u *Restaurants* jahdmu id f'id mal-Kunsilli Lokali biex jorganizzaw inizjattivi u attivitajiet flimkien.

Il-hmieg u traskuragni f'postijiet abitabbli u 'l barra minnhom hija xi haga li l-poplu Malti xejn ma jtieh prijorita`. Il-Maltin huma maghrufa ghal indafa mill-ghatba l-gewwa f'dahrhom izda imbaghad meta nigu ghall-pajjiz ingenerali dan ma ntuhx l-importanza li tixraqlu. Il-GWU temmen li persuni li jinqabdu jhammgu ghandhom jigu ppenalizzati. Izda fl-istess hin tishaqq li l-ewwel u qabel kollox ic-cittadini ghandhom jigu mghallma jghozzu pajjizhom u jibzghu ghall-ambjent. Il-Gvern ghandu ukoll jirrevedi u jinvesti aktar fis-sistema ta' *Green Wardens*.

Fuq livell generali l-Kunsilli Lokali ghandhom isahhu l-kontribut taghhom biex tizdied id-dixxiplina f'kull qasam ingenerali ghaliex certament li s-serjeta' u d-dixxiplina fil-lokalitajiet itejjbu d-dehra tal-pajjiz.

## 5. Il-Harsien fil-Komunita`

Il-GWU qed tipproponi wkoll li Gvern ghandu jidhol bi shab mal-Kunsilli Lokali biex jinfethu aktar c*hild care centres* fil-lokalitajiet bil-ghan li l-genituri specjalmet in-nisa jsibuha aktar facli li jikkontribwixxu fis-suq tax-xoghol. Dawn ghandhom jitmexxew bi shab bejn il-Kunsill Lokali u l-gvern jew sahanistra mal-privat.

Barra minnhekk, tinhass il-htiega li jkun hemm aktar *day centres* u djar residenzjali ghall-anzjani fil-lokalitajiet. Minhabba l-fatt li mhux dejjem hu vijabbli li dan isir f'kull belt u rahal, f'lokalitajiet zghar jista' jkun hemm shubija bejn il-lokalitajiet f'dan il-qasam.

Il-GWU diga' ipproponiet il-ftuh ta' aktar *child care centres*, *day care centres* u djar residenzjali, fil-fatt ghamlet dan f'Jannar ta' din is-sena fil-*Memoradum* li baghtet lill-Partit Politici dwar il-Manifest Elettorali ta' qabel l-Elezzjoni Generali li saret f'Marzu ta' din is-sena.

Fuq dawn il-proposti, l-gvern ghandu jmexxi ahjar il-process ta' devoluzzjoni ta' postijiet fil-lokalita` li mhux jintuzaw jew huma vojta biex il-Kunsill Lokali jaghmel uzu ahjar minnhom fosthom billi jikkonvertuhom f'centri edukattivi u *day centres*. Fil-fatt b'hidma bejn il-gvern u l-Kunsilli Lokali jistghu jitwaqqfu djar zghar residenzjali f'kull lokalita' fejn gruppi ta' anzjani jkunu jghixu flimkien. B'hekk djar mitluqa u abbandunati jkollhom uzu ahjar b'ghan socjali fejn waqt li l-anzjan isib is-sapport anki minn anzjani bhalu jibqghu jghixu fil-qalba tal-komunita`

Fost l-inzijattivi li ghandhom jittiehdu, skond il-GWU, hemm dawk li l-Kunsill Lokali ikollhom sehem aktar wiesa biex ikun pprovdut servizz tat-trasport pubbliku mill-aqwa li jilhaq ukoll l-periferiji tal-lokalitajiet. Dan jghin fost l-ohrajn lil dawk l-anzjani li joqghodu fuq barra jew fit-truf tal-lokalitajiet u li ghandhom diffikultajiet biex jaslu sac-centru. Din l-inizjattiva flimkien ma' ohrajn jiffacilitaw il-mobilita` ta' l-anzjani fil-lokalitajiet.

## 6. Is-Sigurta'

Il-GWU jidhrilha li hemm bzonn ukoll ta' aktar koordinament bejn il-Kunsilli Lokali u l-Korp tal-Pulizija ghaliex jista' kien hemm kazijiet fejn is-sehem tal-pulizija kien nieqes jew mhux b'sahhtu bizzejjed fil-lokalita`. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkustanzi jehtieg li jigi assigurat li l-komunikazzjoni bejn il-Korp tal-Pulizija u l-Kunsilli Lokali tkun tassew u f'postijiet fejn l-ghases tal-pulizija jkunu maghluqa c-cittadini jkollhom ic-cans li jirrapportaw mill-ewwel ghand il-Kunsill Lokali minflok bhala prekawzjoni

Il-Kunsilli Lokali ghandhom jahdmu aktar flimkien mal-forzi tas-sigurta' biex isahhu s-sistemi ta' solverjal madwar il-lokalita' fosthom bl-introduzzjoni ta' *close circuit camers* (CCTV) fejn jinhass il-bzonn. Il-pulizija ghandhom jahdmu mill-qrib mal-Kunsilli Lokali biex dan il-process isehh u jkun success. Fl-istess waqt il-Kunsill Lokali fost l-ohrajn ghandhom josservaw l-obbligu li jinforma lic-cittadin b'tali installazzjoni.

Ghandha tkun riveduta s-sistema tal-Gwardjani Lokali biex din issir aktar wahda effettiva. Jidher li mis-sistema prezenti hemm hafna partijiet li huma nteressati biss li jiehdu d-dhul tal-multi. Din is-sistema tista' tintuza ahjar biex tassew tissorvelja, teduka u ttejjeb aktar il-hajja tac-cittadini billi tnaqqas l-abbuzi u mhux tkun hemm biss biex ikunu generati aktar flus.

## 7. L-Unjoni Ewropea

Jidher li mhux il-Kunsilli Lokali kollha sabu l-formola t-tajba biex jirnexxielhom jibbenefikaw bizzejjed mill-ghajnuniet ta' l-Unjoni Ewropea, istituzzjoni li tista' toffri diversi opportunitajiet u beneficcji lil-lokalitajiet taghna.

Ghaldaqstant, il-GWU qed tissuggerixxi li ghandu jkun hemm aktar konsulenti fuq programmi tal-Unjoni Ewropeja sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jistghu jibbenefikaw u jgibu fondi xierqa. Ghalhekk hawnhekk ukoll tinhass il-

htiega li titwaqqaf fergha apposta fil-*Planning and Priorities Coodination Division* li jaqa' taht l-Ufficju tal-Prim Ministru li l-irwol taghha jkun iffukat specifikament lejn il-Kunsilli Lokali. Sabiex ta' l-ahhar ikollhom gwida professjonali ta' kif jistghu jibbenefikaw minn programmi u ghajnuniet mill-Unjoni Ewropea. Din il-fergha tista' tkun l-ghodda ewlenija biex tali finanzjamenti u beneficcji jkunu facilment miksuba.

## 8. Ic-Centri Civici

Numru ta' Kunsilli Lokali ghandhom ufficini li mhumiex adegwati ghaliex fost l-ohrajn huma zghar wisq fid-daqs, haga li xejn ma tghin biex issir hidma xierqa u jinghata servizz professjonali, kif wara kollox hu mistennui mic-cittadin. Barra minhekk, l-istess ambjent degradanti, fejn hu l-kaz qed jaghmilha aktar difficli biex joperaw l-impjegati tal-Kunsill Lokali. Ghalhekk, fejn jirrizulta dan, il-Gvern ghandu jara kif jalloka postijiet ahjar ghaliex il-finanzi tal-Kunsill Lokali mhux dejjem jippermettu dan l-investiment. Fil-fatt ma jaghmilx sens li Kunsill Lokali jiehu ammont ta' finanzi allokati lilu biex itejjeb il-lokalita` u bihom jinvesti fi proprjeta` jew jibni ta' ufficini. F'dan il-kaz ghandu jkun hemm allokazzjoni finanzjarja specjali ghal dan il-ghan biex il-fond tal-Kunsill Lokali ma jitnaqqarx.

Ghandhom jitwaqqfu aktar Centri Civici fil-lokalitajiet fejn minn post wiehed ikun jista' tinqeda ghal kollox. Dawn ic-centri idejalment ghandhom jinkludu l-ufficini tal-Kunsill Lokali, il-berga tas-sahha, il-posta, l-ghassa tal-pulizija u l-ufficcju tas-sigurta' socjali. Hekk dan ic-centru jtejjeb il-hajja tac-cittadin specjalment fejn ghandek facilitajiet u centri li huma imferxa u *substandard*.

Ghalhekk, kif intqal aktar qabel l-gvern ghandu jalloka u jhaffef il-process ta' devoluzzjoni ta' postijiet mhux uzati fic-centri tal-lokalita` biex jigu utilizzati fost ohrajn ghal ghanijiet socjali, amministrattivi, kulturali, turistici u edukattivi. F'dan l-aspett jidher li l-procedura uzata s'issa tiehu wisq fit-tul.

## 9. L-Edukazzjoni

Il-poplu illum dara jghix bil-Kunsilli Lokali izda aktarx li fir-realta` ma jafx ezattament dwar id-doveri, ir-responsabbilitajiet u l-limiti taghhom sa fejn dawn jistghu jaslu. Illum ic-cittadin imur fl-ufficini tal-Kunsilli Lokali ghall-inqas sa l-ikbar haga jew intopp li jinqalaghlu. Ghalhekk, tinhass il-htiega li jkun hemm u jinghata aktar taghlim u informazzjoni dwar il-Kunsill Lokali. Bhala parti minn dan il-process ta' tigdid ghandha ssir kampanja ta' taghlim

lill-pubbliku fosthom permezz ta' reklami fuq il-mezzi tal-media u programmi specifikament dwar il-Kunsill Lokali.

Il-GWU tissuggerixxi li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ghandha tipprovdi l-bilanc mixtieq fil-*media* u tghin fit-tixrid ta' l-informazzjoni edukattiva lill-pubbliku. Dan jista' jsir billi tinvolvi ruha direttament fi produzzjonijiet televizivi, fosthom fuq l-istazzjon nazzjonali, u tqassim ta' materjal stampat dwar il-hidma tal-Kunsilli Lokali u d-diffikultajiet li jiltaqghu maghhom.

Minn aspett iehor ta' l-edukazzjoni tajjeb li jigi mfahhar il-fatt li bosta Kunsilli Lokali qed jinvolvu ruhhom sew fil-qasam edukattiv. Filwaqt li dan ta' min iheggu ghaliex l-investiment fl-edukazzjoni qatt m'hu bizzejjed, fl-istess waqt il-Kunsilli Lokali ghandhom jahdmu aktar biex jaghtu gharfien xieraq lic-cittadini tal-belt jew rahal dwar il-patrimonju kulturali, artistiku u storiku ta' kull lokalita` bil-ghan li wiehed japprezza aktar dak li hemm madwaru u b'hekk jissahhah is-sens civiku. Tali hidma tista' tissahhah b'attivitajiet u inizjattiv bhal ftuh ta' *websites, cultural walks* u produzzjonijiet. Dawn ghandhom ikunu wkoll ta' attrazzjoni turistika biex b'hekk jikber ukoll t-turizmu lokali u diversifikat.

Barra minhekk, ghaqdiet varji inkluz *trade unions* ghandhom jinghataw l-opportunitjaiet li jorganizzaw attivitajiet jew laqghat fil-lokalitajiet u juzaw ic-centri jew servizzi tal-Kunsill Lokali. Perezempju it-*trade unions* ghandhom jinghataw ic-cans li jaghmlu laqghat ghall-istudenti u residenti fejn jinghataw taghrif u taghlim kif jistghu jintegraw ruhhom fid-dinja tax-xoghol.

Ghalhekk, sabiex il-Kunsill Lokali jkunu jistghu jghinu aktar fit-tixrid tat-taghlim ghandu jkun hemm aktar koordinazzjoni biex il-bini u l-facilitajiet ta' l-iskejjel ikunu aktar accessibbli ghall-hidma tal-Kunsilli Lokali.

## 10. Il-Polarizzazzjoni

Il-GWU tixtieq li l-elezzjonijiet ghall-Kunsilli Lokali ma jkomplux jippolarizzaw il-poplu. Dan ghaliex hija xi haga tajba, importanti u ta' min jippromovija li jkollok cittadini li b'mod volontarju lesti li jaghtu mill-hinijiet taghhom biex imexxu l-interessi u l-gid tal-lokal taghhom 'il quddiem.

Ghaldaqstant, ghandu jsir kull mezz u sforz biex titnaqqas il-polarizzazzjoni u jonqos il-partigjanizmu bejn il-Kunsilliera u anki fl-Assocjazzjoni tal-Kunsilli

Lokali. Il-Kunsilliera ghandhom jaghmlu sforz komuni biex jahdmu flimkien ghall-gid tal-lokalita`.

Il-GWU tghid ukoll li kull lokal ghandu jkollu l-appogg tal-Gvern Centrali f'kull progett u hidma li jkun hemm htiega li issir ghal gid tal-komunita`. Il-Gvern m'ghandux jimxi ta' Partit Politiku u allura ma ghandux jghin biss skond il-kunsilliera li jkunu gew eletti.

## 11. Is-Sindki u l-Kunsilliera

Il-GWU tghid li idejalment is-sindki u l-kunsilliera ghandhom ikollhom certu livell adekwat ta' edukazzjoni biex ikunu kapaci jmexxu fl-ahjar interess il-lokalita` li tkun fdata lilhom. Barra minhekk, il-GWU qed tipproponi li s-sindki u l-kunsilliera ghandhom jinghataw tahrig specjalizzat f'hiliet bazici ghal din il-kariga. Il-Gvern ghandu jara li jipprovdi dan t-tahrig professjonali li ghandu jkun obbligatorju ghal kull kunsillier ghaliex wara kollox dan hu investiment fit-tul.

Id-dipartiment tal-Kunsilli Lokali ghandu jissorvelja biex jara li dan isir u jghin direttament fejn Kunsill Lokali ma jkunx jista' jingrana fil-hidma tieghu. Dan ghaliex il-Kunsilli Lokali ghandhom obbligu nazzjonali li huwa rregolat bil-Ligi. F'kazi li Kunsill Lokali ma jkunx jista' jiffunzjona trid tittiehed decizjoni immedjata u l-problema mhux tithalla tiddegenera.

Barraminhekk, tahrig intensiv ghandu jinghata kontinwament lill-impjegati kollha specjalment fejn tidhol *customare care*.

Ta' min isemmi ukoll il-fatt li sakemm jibqa' il-process ta' ghazla wahda bbazata fuq il-Partiti Politici allura l-GWU thoss li l-Partit Politici ghandhom ikunu aktar responsabbli fl-ghazla tal-kandidati biex ikunu evitati problemi bla mixtieqa wara li tkun eletta amministrazzjoni gdida.

Bosta sindki u kunsilliera qed jaghmlu sagrifficji personali sabiex ikunu jistghu jaqdu dmirijthom bl-ahjar mod possibli ghaldaqstant, il-GWU tissugerixxi li tigi ikkunsidrata renumerazzjoni li tkun moghtija lill-kunsilliera. L-ideja mhix li jinghataw hlas tax-xoghol li qed jaghmlu f'dan l-irwol izda li jinghataw incentiva finanzjarja li timmotivhom fil-qaghdi ta' dmirijthom lejn ir-residenti u l-lokalita`. Din ir-remunerazzjoni tista' tkun marbuta ukoll ma' perezempju l-attendenza taghhom fil-laqghat.

Il-GWU tissugerixxi ukoll li dawk il-kandidati li ma jkunux gew eletti izda li ghandhom interess fil-hidma tal-Kunsill Lokali ghandhom jigu ikkunsidrati ghall-sotto kumitatti li l-Kunsill Lokali jista' jkollhom bzonn jappuntaw minn fost ir-residenti minn zmien ghal zmien. Hekk dawk li jkunu interessati fil-hidma tal-Kunsill Lokali jibqaw b'xi mod ikunu integrati.

## 12. L-Impjegati fil-Kunsilli Lokali

Il-GWU billi ghandha ghadd ta' membri li huma haddiema impjegati kemm f'irwoli ezekuttivi, kif ukoll f'irwoli klerikali mal-Kunsilli Lokali tishaqq fuq l-importanza li jkunu mharsa l-kundizzjonijiet ta' dawn il-haddiema. Maghhom il-GWU ghandha wkoll l-gharfien ewlieni fost l-agenziji li jhaddmu l-gwardjani lokali li l-Kunsilli Lokali jutilizzaw is-servizz taghhom.

### 12.1 Is-Segretarji Ezekuttivi

#### 12.1.1 Salarji

Il-pagi prezenti ghandhom jkunu organizzati b`mod ahjar. Fil-mument id-diskrepanzi huma kbar bejn segretarju f`Kunsill Lokali kbir u segretarju f`Kunsill Lokali zghir. Il-GWU tippoponi li dawn id-diskrepanzi jigu normalizzati permezz ta' struttura miftehma.

#### 12.1.2 Kuntratti tax-Xoghol

Il-kuntratt indefinit ta' dawn il-haddiema ghandu jkun iccarat jekk ifissirx impjieg mal-Kunsill Lokali jew mal-Gvern (fis-settur pubbliku).

#### 12.1.3 *Pooling* fost is-Segretarji Ezekuttivi

Issa li s-segretarji ezekuttivi ghandhom kuntratt indefinit, il-GWU qed tipproponi sistema ta` *pooling* bejnitehom. B'hekk dan il-mekkanizmu jiffacilita` l-possibilita` li segretarju ezekuttiv jitlob *transfer* hu stess jew li s-sindku jaghzel segretarju ezekuttiv flok dak li jkun hemm fil-Kunsill Lokali jekk ikunu hemm xi problemi li jistghu jigu rizolti b'dan il-mod. Barra minhekk, il-GWU tghid li ga la darba ser ikun hemm *pool* wahda din ghandha tigi amministata mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali flimkien ma' l-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-GWU tipproponi ukoll li f'dak il-mument li jkun hemm segretarji ezekuttivi aktar minn dak mehtieg allura dawk li ma jkunx allokkati f'Kunsill Lokali partikolari ghandhom jinghataw xoghol mad-Dipartiment u ma' l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali jew hidma ohra fil-Kunsill Lokali maqbula fuq bazi temporanja.

## 12.2 Impjegati Klerikali

### 12.2.1 *Self Employed*

Ghandhom jitwaqqfu l-kuntratti kollha ta` *clerical services self employed* li qed jinhargu bit-*tender*. Dawn jinhargu ghax il-Kunsill Lokali ikollu kwota kemm jista' jimpjega nies. Ghalkemm l-kwota hija tajba, din m'ghandiex isservi sabiex ikun il-Gvern stess li fil-Kunsilli Lokali flok jimpjega n-nies, jaghtihom kuntratti ta` *self employed* u b`hekk jesponihom ghal kundizzjonijiet prekarji u minghajr l-opportunita` li jorganizzaw irwiehhom.

Il-GWU titlob li persuni tali jinghataw impjieg regolari u l-kwota tigi estiza meta` Kunsill Lokali jiggustifika li tassew ghandu bzonn (b`mod eccezzjonali) aktar haddiema minn li ghandu bil-kwota tieghu. Id-dipartiment tal-Kunsill Lokali jkun jista' japprova dan.

### 12.2.2 Progressjoni fil-gradi

Tezisti problema kbira ta` progressjoni fil-gradi fil-Kunsilli Lokali. B`hekk *staff* klerikali ghandhom jinholqulhom possibilitajiet li jimxu fil-karriera taghhom. Per ezempju vakanzi fic-civil jew f`Kunsilli Lokali akbar li jkunu jiehdu *staff* bi gradi ghola ghandhom ikunu miftuha ghall-haddiema tal-Kunsilli Lohali.

### 12.2.3 Promozzjoni ghal Segretarju Ezekuttiv

Ghandu wkoll ikun facilitat il-possibilita` li *clerk* jitharreg bis-serjeta` sabiex jilhaqq Segretarju Ezekuttiv.

### 12.2.4 Ftehim specifiku ma` Kunsilli Lokali

Ghandha ssir hidma sabiex l-awtonomija f`certu kundizzjonijiet flessibbili tax-xoghol tinzamm. Dan billi jkun aktar car li l-*Union* tiftiehem ma` Kunsill Lokali partikolari dwar il-flessibilita` mehtiega ghall-Kunsill Lokali u ghall-impjegati f`Kunsill Lokali partikolari.

### 12.2.5 Kuntratt tax-Xoghol

Bhal fil-kaz tas-Segretarji Ezekuttivi, l-GWU thoss li ghandu jkun iccarat jekk il-haddiema klerikali inghatawx kuntratt indefinit mal-Kunsill Lokali li jhaddimhom jew inkella mal-gvern (settur pubbliku) permezz tal-ezercizzju li sar f`Dicembru 2007.

## 12.3 Awziljarji

L-GWU thoss li l-impjegati sekondati minn azjendi tal-Gvern, normalment fi gradi non-klerikali, ghandhom ikunu uzati bl-ahjar mod possibbli, izda li b`dan ma jitkissrux il-kundizzjonijiet tax-xoghol ta` dawn il-haddiema.

## 12. 4 Gwardjani Lokali fis-sistema ta` Infurzar Lokali

### 12.4.1 Gwardjan Lokali bhala karriera

Fil-prezent l-impjiegi fl-agenziji mhux joholqu karriera minhabba s-sistema. Filwaqt li l-GWU ser tkompli ittejjeb il-kundizzjonijiet permezz tal-ftehim kollettiv li taghmel, tissugerixxi li jinholoq fond fi hdan is-sistem, liema fond ikun iffinanzjat mis-sistema nfisha. Dan il-fond iservi sabiex gwardjani li jservu fit-tul f`pajjizna jinghataw incentivi tas-servizz fit-tul li huma jkunu ghamlu, dan jithaddem bl-involviment shih tal-Gvern, tal-haddiema u ta` min ihaddem il-gwardjani lokali. Fuq kollox dan il-fond ghandu jinkoragixxi aktar persuni jharsu lejn ix-xoghol ta` gwardjan bhala karriera li jkun fiha incentivi ghas-servizz moghti fit-tul.

### 12.4.2 Sistema aktar edukattiva

L-*Union* ma taqbilx ma' sistema ta' infurzar li l-ghan taghha tkun li taghmel xi profitti jew ma taghmilx telf. L-infurzar lokali huwa servizz u bhal kull servizz iehor ghandu jkun spiza. Madankollu anqas hi kontra li s-sistema tkun sostenibbli. L-enfazi izda trid tinqaleb fuq l-edukazzjoni u l-infurzar. Fil-mument min minn fost il-gwardjani igib l-aktar citazzjonijiet jitqies li ghamel *performance* tajba. B`hekk jonholqu aspettativi ta` numru ta` citazzjonijiet. Il-GWU tghid li l-*performance* ghandha titkejjel b`linji differenti bhal kemm hija organizzata ahjar il-lokalita`.

### 12.4.3 Il-profil tal-gwardjan

Il-GWU tissugerixxi li sabiex joghla l-profil tal-gwardjan mal-pubbliku dan ghandu jinghata tahrig kontinwu fil-qasam tieghu. It-tahrig ghandu jkun iffinanzjat mill-Gvern u jinghata fil-hin tax-xoghol tal-gwardjan. Il-GWU tipproponi ukoll kampanji edukattivi dwar il-gwardjan fis-socjeta` u temmen li s-sistema riformata ghandha twassal biex il-profil tal-gwardjan titjieb.

### 12.4.4 Diversifikazzjoni tal-infurzar

Il-GWU tixtieq li l-gwardjani jkollhom rwol akbar fis-socjeta` fl-infurzar generali u mhux biss iffukat fuq l-infurzar fil-parkegg u fit-toroq u s-sewqan. Dan iwassal sabiex il-gwardjan jiftah aktar ix-xoghol tieghu u jittejjeb ukoll il-profil tal-gwardjan. Sabiex dan isehh is-sistema trid tkun wahda li thalli lill-gwardjan jahdem fuq diversi inizzjattivi u mhux ikun iffukat fuq produzzjoni ta` citazzjonijiet.

### 12.4.5 Il-hinijiet tax-xoghol u r-relazzjoni fix-xoghol

Il-gwardjan jibqa' impjegat avolja huwa qed jaghti servizz lill-terzi permezz tal-agenzija. It-terzi (il-klijenti) iridu jifhmu li ma jistghux jorganizzaw xoghol

li jikser drittijiet bazici tal-haddiem. Insemmu per ezempju *split shifts*, gwardjani wahedhom ma' inzul ix-xemx esposti ghal-abbuzi, gwardjani infurmati gurnata biss qabel bix-xoghol taghhom l-ghada, *direct orders* minn persuni li mhux il-principal tal-gwardjan, decizjonijiet arbitrarji li klijent ma jridx certu gwardjan, u materji ohra simili. Ghandu jinholoq mekkanizmu sabiex l-*Union*, l-*employers* u l-klijenti, fosthom il-Kunsilli Lokali, jiddiskutu l-problemi meta jinqalghu. Mhux il-klijent jaghmel ordnijiet li mbaghad jkissru l-kundizzjonijiet tax-xoghol partikolarment *rosters* u tqassim tax-xoghol. Il-GWU tissugerixxi li l-gwardjani ghalhekk ikunu rapprezentati fuq il-kumitat centrali tas-sistema tal-infurzar lokali u hemm jiddiskutu problemi simili.

### 12.4.6 Protezzjoni fil-qadi tad-dmir

Il-GWU tappella sabiex il-protezzjoni tal-gwardjan tkun assigurata dejjem aktar. Dan b`sinergija mal-pulizija. L-ghasses ghandhom jipprovdu appogg lill-gwardjan u l-gwardjan ghandu ihossu li din ukoll hija daru, anki jekk hu impjegat ta` agenzija. Il-pulizija u l-gwardjan ghandhom jahdmu id f`id fl-infurzar lokali. Kull incident fuq gwardjan, anki theddid, ghandu jkun meqjus bhala offiza serja.

### 12.4.7 *Monitoring* tal-Gwardjan

Il-GWU tinsisti li l-gwardjan ghandu jkun *monitored* b`mod aktar uman mis-sistema prezenti ta` *tracking* mal-persuna tieghu. Zgur li s-sistema kif inhi llum qed twassal ghal pressjoni zejda fuq il-gwardjani li tista' jkollha effett fuq ir-residenti jew persuni ohra li jkunu fil-lokalitajiet.

## 13. Konkluzjoni

F'dan id-dokument il-GWU gabret l-oservazzjonijiet, l-idejat u l-proposti taghha ghar-riforma fil-Ligi tal-Kunsill Lokali.

Finalment il-GWU tissuggerixxi li r-riforma ma ghandiex tkun intiza biex thalli bidla u daqshekk. Fil-fatt il-*Union* tghid li huwa ferm importanti li jinstab bilanc anki jekk dan ikun ifisser process itwal, mifrux fuq diversi snin izda process trankwil.

Min-naha taghha l-GWU taghmel lilha nnifisha disposta sabiex tiddiskuti dawn il-proposti ma' dawk involuti jekk tinhass il-htiega.

---